

Brussell, 28 ta' April 2017
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0085 (COD)**

**8633/17
ADD 3**

**EMPL 219
SOC 293
GENDER 12
SAN 166
CODEC 681**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	27 ta' April 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 203 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2017) 203 final.

Mehmuż: SWD(2017) 203 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.4.2017
SWD(2017) 203 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li
jindukraw u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE**

{COM(2017) 253 final}
{SWD(2017) 202 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja d-dokument “‘Bidu Ġdid’ għall-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li Jindukraw”

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Kif spjegat fil-Pjan Direzzjonali ta' din l-inizjattiva¹, **il-problema li trid tiġi indirizzata hi s-sottorappreżentazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' kondivżjoni indaqs tar-responsabbiltajiet ta' indokrar u professjonali mill-ġenituri bit-tfal jew dawk bi qraba dipendenti.** Fl-2015, id-diskrepanza bejn is-sessi fl-impjegi (20-64 sena) fl-UE kienet tammonta għal 11.6-il punt perċentwali (pps). Din l-inizjattiva timmira li tindirizza l-problema ta' sottorappreżentazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi tindirizza waħda mill-ixprunaturi ewlenin tagħha, li hi d-distribuzzjoni inugwali tar-responsabbiltajiet ta' indokrar bejn in-nisa u l-irġiel. Id-disparitajiet bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol huma l-iktar akuti għall-ġenituri u għan-nies b'responsabbiltajiet ta' indokrar oħrajn. Intwera li d-diskrepanza bejn is-sessi fl-impjegi tikber b'mod sostanzjali wara li jitwiendu t-tfal. Fl-2015, ir-rata medja ta' impjieg tan-nisa b'wild wieħed taħt is-6 snin kienet ta' 8.8 pps inqas minn nisa mingħajr tfal żgħar, u f'diversi pajjiżi din id-differenza hija iktar minn 30 pps². B'mod simili, in-nisa għandhom probabbiltà ferm ikbar mill-irġiel li jassumu r-rwol ta' persuni li jindukraw b'mod informali għall-anzjani jew għall-qraba dipendenti³. Waħda mir-raġunijiet ewlenin għal din il-problema hi politiki inadegwati relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. In-nuqqas ta' possibbiltajiet suffiċjenti għat-teħid tal-liv għall-indokrar ta' tfal/qraba dipendenti, it-tfassil ta' sistema tal-liv li xxekkel il-kondivżjoni aħjar tar-responsabbiltajiet ta' indokrar bejn in-nisa u l-irġiel, il-possibbiltajiet limitati biex isir użu minn arranġamenti tax-xogħol flessibbli, u s-servizzi għall-indokrar formali insuffiċjenti lkoll intwerew li jkomplu jkabbri l-isfidi relatati mal-impjieg tan-nisa. Id-diżinċentivi ekonomiċi (bħad-diżinċentivi għat-tieni sors ta' dħul li jaffettwaw l-iktar lin-nisa) jistgħu jkomplu jirrinforzaw il-kondivżjoni inugwali tar-responsabbiltajiet ta' indokrar min-nisa u mill-irġiel u jaġixxu ta' xprunatur ta' rinforz tad-disparità bejn is-sessi fl-impjegi.

X'mistenni jinkiseb b'din l-inizjattiva?

L-oġettiv ġenerali tal-politika ta' din l-inizjattiva hu li tindirizza s-sottorappreżentazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward tal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol billi timmodernizza l-qafas legali u ta' politika attwali tal-UE u billi tadattah għas-suq tax-xogħol tal-lum. Dan se jippermetti lill-ġenituri bi tfal jew lil ħaddiema bi qraba dipendenti jibbilanċaw aħjar ir-responsabbiltajiet ta' indokrar u dawk professjonali⁴.

Għaldaqstant, l-oġettivi speċifiċi ta' din l-inizjattiva huma definiti kif ġej:

- **li jittejjeb l-aċċess għal arranġamenti relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata –**

¹ Il-Kummissjoni Ewropea (2015), *Pjan Direzzjonali: Bidu ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata li jaffaċċaw il-familji li jaħdmu*

² Id-disparitajiet bejn is-sessi fid-dinja tax-xogħol huma ta' 24.7 pp fost dawk b'wild wieħed ta' inqas minn 6 snin, ta' 25.6 pp fost dawk b'żewġ itfal (l-iżgħar inqas minn 6 snin) u ta' 35.4 pp għal dawk bi tlett itfal jew iktar.

³ Ara, pereżempju, Il-Kummissjoni Ewropea (2013) *L-indokrar fit-tul f'soċjetajiet li qed jixxju*; Eurofound (2016) *Id-Disparità Bejn is-Sessi fl-Impjegi: Sfidi u Soluzzjonijiet*

⁴ L-Artikolu 153(1) (i) tat-TFUE: "l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa rigward l-opportunitajiet u t-trattament fis-suq tax-xogħol."

bħal-liv u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli

- **li jżdid l-użu mill-irġiel tal-liv relatat mal-familja u tal-arranġamenti tax-xogħol flessibbli**

Jenħtieġ li jingħad li ċerti aspetti relatati mal-problema li trid tiġi indirizzata mhumiex koperti f'din il-valutazzjoni tal-impatt. Fir-rigward tal-forniment ta' servizzi għall-indokrar formali u tad-“diżinċentivi ekonomiċi”, dan hu dovut għall-kompetenza limitata tal-UE f'dawn l-oqsma. Fid-dawl tal-influenza sinifikanti tagħhom fuq il-problema indirizzata, l-inizjattiva tista' tipprevedi miżuri biex issaħħaħ l-isforzi attwali f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari b'rabta mal-monitoraġġ tal-politiki tal-Istati Membri fis-Semestru tal-UE u mal-użu tal-finanzjament mill-UE fil-każ ta' servizzi għall-indokrar formali.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Azzjoni tal-UE għandha valur miżjud b'saħħtu fl-indirizzar tal-isfidi msemmija fid-definizzjoni tal-problema.

L-ewwel nett, is-sitwazzjoni attwali turi li azzjoni tal-UE għandha influwenza qawwija fuq l-oqfsa legali tal-Istati Membri. Fil-qasam ta' politika kopert minn din l-inizjattiva, hu biss meta jkun hemm leġislazzjoni tal-UE fis-seħħ (jiġifieri dwar il-liv tal-maternità u tal-ġenituri) li jkun hemm leġislazzjoni fis-seħħ fl-Istati Membri kollha. Meta l-Istati Membri jkollhom intitolamenti legali, varjazzjonijiet bejn l-Istati Membri rigward it-tul u l-ġenerożità tal-kundizzjonijiet jistgħu jirriżultaw f'livell żbilanċjat ta' drittijiet, fi protezzjoni mhux indaqs għaċ-ċittadini tal-UE madwar l-UE u f'differenzi fil-funzjonament tas-swieq tax-xogħol. It-tieni nett, il-projjezzjonijiet ibbażati fuq l-informazzjoni disponibbli juru biċ-ċar li hi biss azzjoni tal-UE li tiżgura li jinkiseb biżżejjed progress fl-Istati Membri kollha. L-impjegaturi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji, jistgħu jaħsbuha darbtejn qabel ma jipprovdu minn jeddhem miżuri ikbar relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, minħabba l-ispejjeż fit-terminu ta' żmien qasir u l-piżijiet amministrattivi li jistgħu jirriżultaw⁵. L-Istati Membri jistgħu jaħsbuha darbtejn biex jikkoreġu falliment bħal dan permezz ta' regolamentazzjoni f'dan il-qasam għaliex jistgħu jipperċepixxu riskju li jixħtu l-kumpaniji tagħhom stess fi żvantaġġ meta mqabbla ma' kumpaniji minn Stati Membri oħra. Peress li perċentwal sinifikanti mill-kummerċ tal-kumpaniji tal-UE isir fl-UE, azzjoni fil-livell tal-UE tista' timmitiga tħassib bħal dan u tistabbilixxi kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni filwaqt li tieħu kont tal-bżonn li jiġu evitati piżijiet addizzjonali fuq in-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, u tiżgura li l-Istati Membri kollha jimxu fl-istess direzzjoni. It-tielet nett, intervent fil-livell tal-UE jista' jimmitiga x-xejriet f'ċerti Stati Membri li jnaqqsu d-dispożizzjonijiet dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Tabilħaqq, b'riżultat tal-kriżi riċenti, il-prijoritajiet tal-politika jvarjaw bejn l-Istati Membri, u kwistjonijiet oħra (b'mod partikolari dawk li huma mistennija jipproduċu benefiċċji fit-terminu ta' żmien qasir) qed jiġbdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali. Finalment, hemm dimensjoni orizzontali Ewropea ċara għall-kwistjonijiet relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u mas-sottorappreżentazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol ixxejjel l-għanijiet tal-UE relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi, mal-ġlieda kontra l-faqar u mal-appoġġar tal-impjegati u tat-tkabbir.

B. Soluzzjonijiet

Liema huma l-alternattivi leġislattivi u mhux leġislattivi li ġew ikkunsidrati? Teżisti xi għażla ppreferuta, jew le? Għaliex?

Ġew ikkunsidrati firxa ta' miżuri mhux leġislattivi u leġislattivi fl-oqsma li ġejjin: il-liv tal-maternità, il-liv tal-paternità, il-liv tal-ġenituri, il-liv tal-persuni li jindukraw u arranġamenti tax-xogħol flessibbli.

⁵ OECD (2007) *Trabi u Kapijiet*

Wara valutazzjoni tal-effikazzja, tal-effiċjenza u tal-koerenza ta' kull għażla, ġiet identifikata kombinazzjoni ppreferuta ta' għażliet. Il-kombinazzjoni ppreferuta tinkludi:

- Il-liv tal-maternità: miżuri mhux leġiżlattivi biex jissaħħa l-infurzar tal-leġiżlazzjoni attwali dwar il-protezzjoni kontra s-sensji, jizjed l-għarfien dwar is-sensji ta' nisa tqal u tingħata gwida dwar il-politika fuq l-iffaċilitar ta' tranżizzjonijiet b'suċċess bejn il-liv tal-maternità u l-impjiegi (inklużi faċilitajiet u pawżi għat-treddiġh)
- Il-liv tal-paternità: l-introduzzjoni ta' intitolament individwali ta' 10 ijiem tax-xogħol, imħallsa tal-inqas fil-livell tal-paga tal-liv minħabba l-mard
- Il-liv tal-ġenituri: intitolament individwali mhux trasferibbli ta' 4 xhur imħallas tal-inqas fil-livell tal-paga tal-liv minħabba l-mard li jrid jittieħed għal kull tifel/tifla sal-età ta' 12-il sena; dritt għat-teħid flessibbli (part-time, imqassam maż-żmien),
- Il-liv tal-persuni li jindukraw: l-introduzzjoni ta' intitolament individwali ta' 5 ijiem/sena mħallas tal-inqas fil-livell tal-paga tal-liv minħabba l-mard
- Arranġamenti flessibbli tax-xogħol: id-dritt għall-ġenituri ta' tfal sal-età ta' 12-il sena u għall-persuni li jindukraw biex jitolbu flessibilità fis-sigħat tax-xogħol, fl-iskeda jew fil-post tax-xogħol għal perjodu stabbilit ta' żmien. L-impjegatur ma għandu ebda obbligu li jonora dan it-tibdil mitlub.

Liema għażla u min jappoġġaha?

It-trade unions indikaw ix-xewqa tagħhom ta' leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE dwar il-liv tal-paternità u l-liv tal-persuni li jindukraw; iż-żieda fit-tul, fil-paga u fil-protezzjoni kontra s-sensji għal-liv tal-maternità; dritt li jintalbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli; u l-emendar tad-direttiva dwar il-liv tal-ġenituri biex jizjed t-tul u n-nontrasferibbiltà kif ukoll jiġi introdott pagament għal-liv. L-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi mhumiex favur azzjoni leġiżlattiva ulterjuri tal-UE. Il-Parlament Ewropew talab għall-estensjoni tad-durata tal-liv tal-ġenituri u għall-introduzzjoni ta' paga, kif ukoll għall-introduzzjoni tal-liv tal-paternità u tal-liv tal-persuni li jindukraw. Ħafna partijiet ikkonċernati oħrajn talbu wkoll għal iktar azzjoni leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva tal-UE fil-qasam tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażliet ippreferuti (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?

Il-benefiċċji stmati tal-kombinazzjoni ppreferuta ta' għażliet huma miġbura fil-qosor kif ġej:

- L-individwi: jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar il-liv u l-arranġament tax-xogħol flessibbli jħallu impatt pożittiv fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u fuq il-benesseri tal-ġenituri u tal-persuni li jindukraw, fuq il-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet ta' indokrar bejn in-nisa u l-irġiel, fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u jwasslu għal tnaqqis fir-riskju ta' faqar għan-nisa u għat-tfal.
- Il-kumpaniji: billi tiżdid ir-rata ta' impjiegi tan-nisa, il-kombinazzjoni ta' għażliet tippermetti lill-impjegaturi jibbenefikaw minn ammont ikbar ta' ħaddiema tas-sengħa ta' talent u, billi jiżdid il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, dan iwassal għal żieda fil-produttività tal-ħaddiema. Id-dispożizzjonijiet dwar il-liv u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli se jwasslu għal tnaqqis fil-kostijiet tas-sostituzzjoni (b'EUR 100 bn) u fl-assenza mix-xogħol (li se twassal għal benefiċċju ta' EUR 23 bn) bejn l-2015-2055 (VPN).
- Il-Gvernijiet Ċentrali u s-Sigurtà Soċjali: il-kombinazzjoni ta' għażliet se twassal għal tnaqqis fil-ħlas

ta' benefiċċji tal-qgħad (+ EUR 18 bn), għal żieda fid-dħul mit-taxxa (+ EUR 381 bn) u għal tnaqqis fin-nefqa fuq il-kura tas-saħħa (b'ERU 2 bn) bejn l-2015-2055 (VPN).

- L-arranġamenti tat-telexogħol, bħala parti mid-dispożizzjoni dwar l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-ambjent ukoll.

- Il-kombinazzjoni ta' għażliet hi mistennija wkoll li jkollha impatt pożittiv fuq il-PDG (EUR 838.8 bn fil-VPN 2015-2055) u fuq l-impjiegi (> EUR 1.5 bn fl-2050), fuq il-forza tax-xogħol (> EUR 1.4 bn fl-2050) u fuq l-introjti reali (EUR 120 bn fl-2050) ukoll.

X'inhuma l-ispejjeż tal-għażliet ippreferuti (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?

Tul il-perjodu 2015-2055, l-istima tal-kostijiet (fil-VPN) tal-kombinazzjoni ppreferuta ta' għażliet hi miġbura fil-qosor kif ġej:

- Il-kumpaniji: Il-kombinazzjoni ta' għażliet se twassal għal spejjeż tal-aġġustament (EUR 3 bn), għal spejjeż amministrattivi (EUR 109 bn), għal spejjeż dovuti għall-pagamenti ta' benefiċċji (EUR 27 bn), għal spejjeż tar-reklutaġġ (EUR 7 bn) u għal kostijiet dovuti għal produzzjoni mitlufa (EUR 144 bn).

- Il-Gvern Ċentrali u s-Sigurtà Soċjali: l-ispejjeż mistennija huma dovuti l-iktar għall-pagamenti tal-benefiċċji (EUR 14-il bn għall-Gvern Ċentrali u EUR 41 bn għas-sħab tas-Sigurtà Soċjali) u għall-ispejjeż amministrattivi (EUR 1 bn għall-Gvern Ċentrali u EUR 258 mil għas-sħab tas-Sigurtà Soċjali).

- Il-valutazzjoni ma tiżvela ebda impatt negattiv dirett fuq l-individwi, fuq iċ-ċifri makroekonomiċi jew fuq l-ambjent.

Kif se jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Ma hi kkunsidrata ebda eżenzjoni speċifika għall-SMEs. L-ispiża totali tal-għażliet għan-negozji mikro tirrappreżenta sehem żgħir mill-fatturat totali tal-kumpaniji (inqas minn 1% tal-fatturat f'ħafna mill-pajjiżi u inqas minn 3% fil-pajjiżi kollha), u hi ferm qrib il-livell tal-ispejjeż skont ix-xenarju bażi. Għaldaqstant, l-għażliet ta' politika ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat il-prestazzjoni tal-SMEs.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits nazzjonali u l-amministrasjonijiet?

Kif spjegat iktar 'il fuq, ċerti għażliet se jkollhom impatti ikbar fuq il-baġits u fuq l-amministrasjonijiet nazzjonali minn oħrajn. L-għażliet ippreferuti għal-liv tal-paternità u għal-liv tal-ġenituri jinvolve xi spejjeż għall-gvernijiet ċentrali minħabba l-pagamenti tal-benefiċċji u l-ispejjeż amministrattivi fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet. Minkejja dan, dawn l-għażliet għandhom ukoll impatti pożittivi fuq ir-rata ta' impjieg tan-nisa, iġibu magħhom żieda fid-dħul mit-taxxa, żieda fl-introjti reali u fil-konsum, u żieda fil-PDG ġenerali. L-għażliet ippreferuti għal-liv tal-persuni li jindukraw u għall-arranġamenti tax-xogħol flessibbli huma stmati li jġibu benefiċċji għall-gvernijiet ċentrali.

Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħrajn?

L-għażliet kollha se jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet rikonoxxut fl-Artikolu 33 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jirreferi b'mod speċifiku għar-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tal-familja u dik professjonali.

D. Segwitu

Meta se tiġi riveduta l-politika?

Il-Kummissjoni se tirrevedi u tevalwa l-operat u l-impatt tal-proposti leġiżlattivi ħames snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni u tipproduċi rapport ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja b'mod regolari wkoll ir-rata ta' impjieg tan-nisa u d-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż fis-Semestru Ewropew.